# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2016

Appell Nru: 214/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Shirley Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Shirley Micallef detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 343289M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: 1) Nhar it-18 ta` Settembru, 2013 ghal habta tal-5.15pm ta` filghaxija minn gewwa hanut tal-gojjellerija sitwat fi Triq Santa Lucija fil-Belt Valletta ikkommettiet serq, ikkwalifikat bil-valur, u dan ghad-detriment ta` Jos. Debono Jewellers bi ksur tal-Artikolu 261(c), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; 2)Naqset milli thares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. fid-digriet tieghu datat nhar is-27 ta` Awissu, 2013 u li bih inghatat il-helsien mill-arrest taht garanziji bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; 3) Fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta`

sentenza datata 11 ta` Lulju, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Mejju, 2014, fejn wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 23, 31, 331, 332 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lil Shirley Micallef, recidiva f'delitti, **hatja** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u **kkundannatha** : -

(a) kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija; inoltre tordna li l-ammont t'elfejn euro (E2000) stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta

(b) kwantu ghat-tielet imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation moghtija lilha permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-11 ta' Lulju 2012 u ghalhekk trattat mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hija kienet tpoggiet taht l-ordni tal-probation daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonfermaha hatja fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, thassar l-ordni tal-probation maghmul bis-sentenza imsemmija u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 u 267 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imsemmija Shirley Micallef ghal-perjodu ulterjuri ta' sebgha (7) xhur prigunerija. Ghall-kull buon fini iddikjarat li l-Qorti mhix qeghda tittratta mal-hatja ghall-ksur tal-probation skont kif kien gie imputat lilha fir-rigward tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2009.

Ghal fini ta' kjarezza ghalhekk il-hatja qeghda tigi kkundannata ghal piena ta' komplessiva ta' hmistax (15) il-xahar pringunerija.

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Avukat Generali taht l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti, stante li fil-kaz odjern ma gie nominat l-ebda espert.

Fl-ahharnett, il-Qorti attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandha l-hatja ta' abbuz ta' droga, jehtieg li tinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema u fid-dawl tal-istqarrija tal-hatja li tixtieq tinghata l-ghajnuna sabiex teghleb b'success il-vizzju tal-abbuz mid-droga, qieghdet lill-hatja Shirley Micallef taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali u dan bil-ghan li eventwalment ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex teghleb il-kondizzjonijiet mentali u psikologici li tidher afflitta minnhom l-imputata, b'dan li ghal dan l-iskop ordnat li l-istess Shirley Micallef titqieghed taht il-kura ta' Psikologu **u** Psikjatra indikati lilha mid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, li ghandhom ikollhom dawk is-setghat kollha mehtiega sabiex iwettqu din l-Ordni ta' din il-Qorti, nonche li jaghmlu dawk l-ezamijiet kollha mehtiega fuq il-hatja Shirley Micallef nonche jippreskrivu dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu mehtiega biex Shirley Micallef teghleb b'success il-kondizzjonijiet psikologici li tidher afflitta minnhom nonche l-abbuz mill-vizzju tad-droga, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti illum stess u anness ma` dik is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikoli 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lill-Shirley Micallef bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' dik is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Shirley Micallef , pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2014, fejn talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, thassarha u tikkancellaha f'dik il-parti fejn sabitha hatja tat-tielet imputazzjoni u konsegwentement minnha tilliberaha, jew fin-nuqqas, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ghal terminu kumplessiv ta' hmistax il-xahar prigunerija u tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi, salv kull provvediment iehor u xieraq u opportun.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Rat illi dan l-appell huwa limitat ghat-tielet imputazzjoni, igifieri dik dwar ksur ta' Ordni ta' *Probation* u bil-gravami tal-apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi. L-appellanta ma ressqet ebda aggravji ghar-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni li dwarhom instabet hatja u kienet kundannata ghal-terminu ta' prigunerija ghal-zmien tmien xhur u konfiska tas-somma ta' €2000 favur il-Gvern ta' Malta;

Ezaminat r-rikors tal-appell, izda, din il-Qorti hija fid-dover tissenjala u tfakkar illi r-rikors ghandu *ab nullitatem* jkun fih r-rekwiziti ravvizati fl-artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta igifieri il-fatti fil-qosor, ir-

ragunjiet tal-appell u t-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. Opportunament ikun imfakkar ukoll illi huwa gurisprudenzjalment palezi ormai li l-irritwali ta' rikors ta' appell, sia jekk l-appell ikun tal-persuna misjuba hatja sia jekk tal-Avukat Generali jew tal-kwerelant, hi materja ta' ordni pubbliku sollevabbli mill-Qorti "ex officio". **Pulizija vs Jean Paul Cachia u Neville Borg - App Krim 19.1.1996** . Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm r-rikors tal-appell jakkludi fih parti intestata *Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti*, fir-rejalta dak li jsegwi certament ma jissodisfax il-vot tal-ligi. L-appellanti ghamlet riassunt tal-perjodu ikrah f'hajjitha fejn ukoll kellha problemi serji bil-vizzju tad-droga u li bhala konsegwenza tressqet diversi drabi l-Qorti minhabba serq ta' crieket minn hwienet. Il-Qorti ghandha dubji serji kemm dan kollu jissodisfa l-vot tal-ligi riferibilment ghar-rekwizit dwar il-fatti fil-qosor. Meta l-ligi trid li l-appellant jghid x'inhuma l-fatti fil-qosor mhux bizzejjed, anke ukoll mhux mehtieg, li jkun hemm intestatura in rigward ghaliex dak li trid il-ligi hu li l-appellant jiddiskrivi l-fatti li taw lok ghall-kaz mertu tas-sentenza appellata. Mhux accettabbli li minflok dawk il-fatti l-appellant jaghmel osservazzjonijiet, bhal f'dan il-kaz, dwar id-diffikultajiet li tinsab fihom l-appellanta u l-isfond tal-hajja taghha. Affarijiet dawn li anqas biss jissemmew fl-atti processwali. Kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna l-iskop ta' dawn il-fatti hu li l-Qorti mghandhiex hi tfittex fl-atti processwali sabiex tistabilixxi l-fatti kollha dwar il-kaz ghaliex dawn ghandhom ikunu debitament esposti fir-rikors tal-appell kif titlob il-ligi;

Madanakollu, u kif ritenut f'gurisprudenza recenti, l-appellanta mghandhiex tbghati hi ghall-izbalji tad-difensuri taghha f'cirkostanzi meta jista' b'xi mod, anke jekk bi sforz ikun mgharuf dak li fil-fatt kien fid-dover li jaghmel l-avukat tal-appellant. (ara in rigward sentenza dwar nullita' dwar irritwalita' fit-talba tal-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Galea – App Krim 17.9.2012). Mill-fatti kif esposti mill-appellanta jista' b'xi mod jiftiehem illi kontra l-

appellanta kien hemm diversi kawzi bhal dik odjerna dwar serq jew attentat ta' serq ta' crieket minn gojjelleriji. Il-Qorti ghalhekk taghzel illi ma tiddikjarax null u bla effett ir-rikors tal-appell;

Isegwi issa li jkunu konsiderati l-gravami tal-appell. L-ewwel argument mressaq mill-appellanta jirrigwarda l-aspett ta' *ne bis in idem* dwar it-tielet imputazzjoni. Milli tista' tifhem il-Qorti, l-appellanta tirritjeni illi qatt ma setghet tinsab hatja ta' din l-impuatazzjoni, igifieri li ksur ta' ordni ta' probation rizultanti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Audrey Demicoli u dan ghaliex hija kienet denunzjata in rigward quddiem il-Qorti Kriminali u misjuba hatja mill-istess Qorti per Onor. Mhallef Antonio Mizzi. Skond l-appellanta, wara sejbien ta' htija l-Qorti Kriminali ordnat li z-zmien fl-ordni ta' probation ghandu jkun mgedded u jibda jiddekorri minn dakinhar, igifieri 18 ta' Frar 2014. L-appellanta annettiet dokument mar-rikors tal-appell bhala prova meta ma setghetx taghmel dan minghajr ma tkun awtorizzata minn din il-Qorti. Dan id-dokument qatt ma kien esebit fil-prim istanza u l-appellanta, allura imputata, kienet iddikjarat li ma kellhiex provi. Dan id-dokument izda ma huwiex kopja ta' sentenza tal-Qorti Kriminali kif inhu mistenni. Din hija nota ta' denunzja mill-Principal Probation Officer intavolata fit-28 ta' Jannar 2014 quddiem il-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Tony Cachia) vs Shirley Micallef liema kawza kienet deciza fil-11 ta' Lulju 2012 mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli;

Fl-ewwel lok, dan id-dokument huwa biss kopja tad-denunzja u mhux id-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Ghal darb'ohra fil-konsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti qed ikollha tgharbel fost l-atti processwali u tassumi x'riedet tghid l-appellanta biex taghmel sens minn dan l-aggravju. L-unika konkluzzjoni logika ghal dan hu li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Lulju 2012 kienet ghaddiet in gudikat u skond l-Kapitolu 446 vigenti f'Jannar 2014,

denunzja minn Ufficcjal tal-Probation dwar ksur ta' xi kondizzjoni tal-Ordni, f'dan il-kaz li l-appellanta naqset milli taghmel mitt siegha xoghol fil-komunita, kellha ssir quddiem il-Qorti Kriminali. Issa l-appellanta tghid illi din il-Qorti ddecidiet li ggedded iz-zmien tal-ordni tal-probation bi zmien tlett snin. Anka jekk dan kien minnu, allura l-aggravju tal-appellanta ma jistghax ikun akkolt ghaliex is-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet titratta dwar in-nuqqas tal-appellanta li tikkonkludi l-mitt siegha xoghol fil-komunita'. Mis-sentenza esebita fl-atti processwali, fol 39, jemergi illi fil-11 ta' Lulju 2012 , wara li l-appellanta kienet misjuba hatja kienet tqieghdet taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin u fl-istess waqt ordnata taghmel 100 siegha xoghol fil-komunita' fit-termini tal-artikolu 7 u 18 tal-Kapitolu 446. Fil-proceduri mertu ta' dan l-appell, l-Ewwel Qorti sabet htija, mhux fin-nuqqas tal-appellanta li tikkonkludi l-mitt siegha xoghol izda fil-fatt li kkomettiet reat iehor waqt perjodu ta' ordni ta' probation. Imputazzjoni din distinta minn dik li tat lok ghad-denunzja msemmija *supra* u ghalhekk ma jirrizultawx l-elementi ghan-*ne bis in idem* kif konvenuta mill-appellanti;

Fit-tieni argument mressaq mill-appellanti dejjem dwar it-tielet imputazzjoni hija tghid hekk: *Illi aktar minn hekk, l-istess akkuza ma tista' qatt tirrizulta peress illi se mai, ir-reati in kwistjoni kienu gew kommessi waqt perjodu ta' ordni ta' probation moghti lilha mill-Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D. nhar it-18 ta' Frar, 2014, u mhux ordni ta' probation moghtija lilha mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar il-11 ta' Lulju, 2012, hekk kif iggib l-akkuza odjerna..* Anke hawn irid jinghad illi quddiem l-Ewwel Qorti l-appellanta naqset mhux biss milli tissolleva dan l-ilment izda ukoll milli tressaq provi dwaru. L-atti processwali juru bic-car illi meta tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-prosekuzzjoni ressqet il-prova permezz ta' kopja ta' sentenza awtentikata biex turi illi bil-kommissjoni tar-reati lilha addebitati kienet b'hekk kisret il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 u dan riferibilment ghas-sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Lulju 2012 per

Magistrat Dr. Audrey Demicoli. Mill-fedina penali aggornata tal-appellanta ma jirrizultax illi qatt kien hemm xi sentenza mill-Qorti tal-Appell in rigward li jfisser li jew l-appellanta qatt ma appellat minn din is-sentenza jew li tali proceduri ghadhom pendenti. Fiz-zewg ipotesi, dan ifisser illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet htija fit-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.